KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAD-DISA' LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 19

It-tmintax il-seduta tad-disa' leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet nhar it-Tlieta 1 ta' Settembru 2020 fis-6pm. Il-laqgħa saret b'mod virtwali.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Graziella Attard Previ | Vici Sindku |
| | David Soler | Kunsillier |
| | Anton Debono | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| | Wallace Vella Baldacchino | Kunsillier |
| | David Muscat | Kunsillier |
| | Kevin Wain | Kunsillier |
| | Illona Fenech | Kunsilliera |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| | | |
| ASSENTI **B'APPOLOGIJA** | Emmanuel Borg | Kunsillier |
| **(Skont Ordni Permanenti 14A (3)** | Vivian Galea Pace | Kunsilliera |
| | | |
| **ASSENTI** | n/a | |
| | | |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Principal/D.Seg Eż |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda fis-18.00:*

*19.1 Qari tal-ittri ta' apologiji;*
*19.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;*
*19.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;*
*19.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera;*
*19.5 Rapporti;*
*19.6 Items Oħra;*
*19.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' Kumitat u/jew Sotto Kumitati;*
*19.8 Internet Banking: Resoluzzjoni*
*19.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti ;*
*19.10 Mozzjonijiet*
*19.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

## 19.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

19.1.1 Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-kunsilliera V.Galea Pace kella tattendi għall-appuntament waqt illi l-kunsillier E.Borg ma setax jattendi minħabba ċ-ċirkostanzi kurrenti.

## 19.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

19.2.1 Saru l-korrezzjonijiet kif huma indikati fuq id-dokument oriġinali. *Minuti nru 18*

19.2.2 B'referenza għal punt nru. 18.2.5 is-Segretarju Ezekuttiv ikkonferma li saret laqgħat mall-Contracts Manager u aċċetta l-proposta tal-Kunsill. Din se tingħata bħala Direct Order fil-prezent.

19.2.3 B'referenza għal punt 18.3.1 is-Sindku qal illi matul il-ġimgħa tal-laqgħa se ssir laqgħa dwar Townsquare.

19.2.4 B'referenza għal punt 18.3.4 is-Sindku qal illi WSC qegħdin jinsistu li ma toħroġx RWP mingħajr ma jsiru x-xogħolijiet infrasstruturali fit-triq. Il-Viċi Sindku qalet illi saru double yellow lines hemmhekk. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi dawk zgur ma sarux la minn naħa tagħna u anqas minn naħa ta' IM.

19.2.5 B'referenza għal punt 18.4.6 is-Sindku qal illi fil-passat kien hemm approvazzjoni tal-Kunsill biex isir upgrade tal-area quddiem is-Salesjani. Qal illi din tista ssir waqt li titlesta l-proġett ta' Windsor/Dingli/Sir Ġorġ Borg. Il-proposta kienet biex isir paving tal-area. Il-Kunsill qabel illi naraw x'proċeduri hemm bzonn ma' TM u PA.
Il-kunsillier A.Debono staqsa dwar il-possibilita li nagħmlu izjed postijiet ta' parkeġġ fl-area. Is-Sindku qal illi l-paving

kellha ssir bħala mezz biex naħsbu għall-pedestiranization u nitilfu l-iskop tagħha b'izjed postijiet ta' parkeġġ.
Kif ġie deċiz f'laqgħat preċedenti, il-Kunsill se jaħdem minn perit lokali.

19.2.6 B'referenza għal punt 18.3.7 is-Segretarju Ezekuttiv qal illi intbagħtet email lil perit tas-sit fejn hemm it-Tower Crane, bil-kundizzjonijiet skond id-deċizjoni tal-laqgħa.

19.2.7 B'referenza għal punt 18.3.8 il-kunsillier P.Radmilli qal illi se jsiru 2 applikazzjonijiet differenti. Waħda għall-proġett ta' Sacro Cuore, u oħra għat-triq.

19.2.8 B'referenza għal punt 18.8.16 il-kunsillier D.Muscat qal illi fil-fatt l-atturi għandom ikunu fuq il-Promenade waqt illi n-nies ikunu fil-ġnien għas-serata.

19.2.9 Rigward l-issue tal-advertisement boards is-Segretarju Ezekuttiv qal illi wieħed aċċetta li ssir laqgħa miegħu waqt illi l-ieħor għandu l-aħħar ftit ġranet biex jagħti risposta għall-ittra ġudizzjali.

19.2.10 Il-kunsillier J.Pillow qal illi l-fustun ma saritx fejn suppost la kella ssir sal-WaterFront. Se tizdied dik il-biċċa fejn ma saritx.

19.2.11 Il-kunsillier K.Wain ippropona li l-Minuti nru 18 jiġu approvati. Il-kunsillier W.V.Baldacchino issekondaħ. Il-Kunsill qabel. *Approvazzjoni tal-Minuti nru. 18*

## 19.3 KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

19.3.1 Is-Sindku qal illi l-kunsillier J.Pillow kellem lill-kumpanija li għanda gabbani max-Xatt ta' Tas-Sliema u kienet evidenti li din il-kumpanija ma riditx illi jkun hemm l-ammont illi hemm fil-prezent. Is-Sindku ssuġerixxa li noqogħdu bil-qegħda mall-operaturi tagħhom, flimkien mall-Gvern Ċentrali sabiex naslu. Issuġerixxa li għandna ninsistu magħhom illi jkollom waħda għal kull kumpanija u li jsiru b'mod strutturali. *Gabbani*
Il-kunsillier P.Radmilli qal illi ma jarax għalfejn għandna nbiddlu l-istrateġija meta nfaqqna dawk il-flejjes kollha fuq il-bye-laws. Is-Sindku qal illi mhux se mmorru lura fuq dak li għamilna izda fl-

istess ħin iridu naraw liema soluzzjoni se tkun l-ewwel waħda biex tasal biex naraw rizultati fil-prezent.

**Il-kunsillier J.Pillow telaq għal ħabta ta' 7pm**

19.3.2 Is-Sindku ta update rigward il-propjeta ta' triq Camenzuli fejn qal illi qegħdin nistennew stima biex isir ix-xogħol u se tintbagħat emajl lil sid il-post illi jekk ma jaqbilx mall-ispejjez se nifthu kaz legali kontriħ biex jagħmel tajjeb għal dawn l-ispejjez. *Camenzuli/Enriku*

19.3.3 Is-Sindku ta update rigward ix-xogħolijiet illi qegħdin isiru fuq il-funtani madwar il-lokalita. Il-funtana t-tonda u l-funtana tal globu saru u huma lesti biex jaħdmu. Zied illi rigward dik ta' quddiem HSBC hemm problemi li qegħdin nieħdu ħsieb flimkien mall-MTA. *Funtani*

**Il-kunsilliera I.Fenech telqet fis-7.25pm**

**Peress illi kellu jitlaq qabel l-aħħar tal-laqgħa, il-kunsillier D.Muscat talab illi jitkellem dwar il-komunikazzjoni li kellu qabel ma jitlaq. Iċ-Chairman tah id-dritt biex iressaq il-korrespondenza tiegħu.**

19.3.4 Il-kunsillier D.Muscat staqsa x'jista jsir f'kaz illi l-attivitajiet ta' din is-sena jiġu kkanċellati. Staqsa jekk hemm il-ħsieb illi jsiru xorta waħda izda b'mod differenti. *Attivitajiet*
Il-kunsillier P.Radmilli ssuġerixxa li nieħdu filmat ta' min jieħu l-premju. Kien hemm qbil unanimu li ssir b'talli mod.

19.3.5 Is-Sindku qal illi peress illi ma setax jattendi għal laqgħa tar-Reġjun, il-Viċi Sindku marret f'isem il-Kunsill Lokali. Il-Viċi Sindku tat rendikont tal-affarijiet li ġew diskussi waqt il-laqgħa fejn fosthom iddiskuttew: *Laqgha tar-Regjun*

- Li tinbena website
- 'Active Travel'; idea biex kunsilli jippronwovu sinjali li juru kemm se ddum biex tasal f'postijiet speċifiki b'mezzi oħra barra l-karrozza.
- Funzjoni tal-Kunsill: Kien hemm ħafna kunsilli li kkritikaw il-fatt illi x-xogħolijiet/rispett lejn il-kunsilli mietet, fejn issa sirna għall-permessi biss.
- Ingħatat spunt biex naħsbu fuq social issues li ħolqiet il-

pandemija fejn il-President se jara jekk hemm fondi li kunsillier jistaw juzaw għall-din l-iskop.

19.3.6 Pink October: Se ssir bħas-sena l-oħra fejn tixgħel it-Torri. *Pink October*

19.3.7 Is-Sindku qal illi meta kienu ttieħdu l-fondi tal-UIF mill-Kunsilli minħabba l-proġett illi għanda ssir ġewwa l-unviersita, il-kunsilli lokali ma kienux avzati u l-AKL se tara dwar il-kaz.l-AKL qegħdin jagħmlu minn kollox biex il-kunsilli lokali jieħdu lura dawk il-fondi tal-UIF li ttieħdu minn dawk il-kunsilli lokali li ġew affettwati minħabba l-proġett tal-universita. Qal illi l-AKL qatt ma kienu ġew avzati.

## 19.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

**TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI**

19.4.1 Ma kien hemm l-ebda mistoqsija.

## 19.5 RAPPORTI

19.5.1 Is-S.E qal illi ħarġu 2 kjarifiċi dwar it-tender tas-survey. Il-kunsillier P.Radmilli qal illi hemm 2 bids tal-istess prezz u rridu naraw x'jiġri f'dak il-kaz. Is-S.E qal se jikjarifika mad-DoC la hemm rakkomandazzjonijiet li jiġu minn naħa tagħhom.

## 19.6 ITEMS OĦRA TA’ XOGĦOL IEĦOR TAL-KUNSILL

19.6.1 Is-Sindku qal, wara li hu u l-kunsill irċevew diversi lmenti mill-kunsilliera dwar il-power washes, ma setax jinnota li hemm min staqsa għalfejn ma sarux it-toroq ukoll. Fakkar lil kulħadd illi aħna nieħdu ħsieb power-washes fuq il-bankini.

19.6.2 Il-kunsillier K.Wain staqsa dwar l-ispray li konna se nipprovdu lis-sidien tal-klieb biex inaddfu warajhom. Stimi qegħdin jinġabru.

19.6.3 Il-kunsillier K.Wain qal illi hemm leak ġewwa triq Norfolk. Is-S.E qal għandu bzonn izjed informazzjoni.

19.6.4 Il-Viċi Sindku staqsiet dwar update tat-tender tal-handyman. Is-S.E qal illi bagħat diversi reminders biex isir l-evalwazzjoni. Kien hemm qbil bejn il-kunsilliera li jagħmlu parti mill-bord illi ssir laqgħa l-għada tal-laqgħa tal-Kunsill biex tingħalaq.

19.6.5 Il-kunsillier K.Wain qal illi għad hemm il-problema tal-ħamiem madwar il-lokalita. Il-kunsillier P.Radmilli ssuġerixxa li nixtru materjal aħna u nipprovdu kollox lir-residenti biex jin~~a~~għalqu l-vents ~~huma stess~~minn kuntrattur imqabbad mill-Kunsill.
Fuq dan il-punt is-Sindku qal illi hemm grupp ta’ Sindki li jixtiequ jieħdu azzjoni bejniethom billi jaħdmu id f’id mall-pulizija.

19.6.6 Il-kunsillier K.Wain staqsa jekk tista ssir bye-law fuq konsum ta’ alkoħol fil-lokalita. Is-S.E qal kien diġa ħadem fuq waħda fil-passat ma’ kunsilli differenti u tista tintuza. Il-Kunsill qabel.

19.6.7 Kien hemm diskussjoni dwar rizoluzzjoni tal-BOV biex pagamenti jsiru online. Il-Kunsill qabel.

Is-S.E ta update rigward il-mod kif qed isir ix-xogħol fil-prezent minn naħa tal-amministrazzjoni issa la staff qegħdin taħt kwarantina, kif ukoll il-ħsibijiet għall-futur. Kien hemm qbil mas-suġġeriment illi fil-bidu nett ma nifthux il-bibien la n-numri qegħdin jizdiedu, waqt illi staff se jaħdmu b’shifts li huma clustered. Dan biex f’kaz illi xi ħadd ikun pozittiv, nofs l-istaff jispiċċaw ġewwa u mhux kulħadd. Zied illi ġew affettwati b’mod neggativ, u anka finanzjarament, il-familji tagħhom. Qal illi se jkun hemm sistema biex staff jieħdu u jirrispondu telefon tal-kunsill mid-dar, waqt illi permessi jsiru via emajl.

Kien hemm qbil illi din tinħadem sakemm hemm bzonn u n-numri jkunu għoljin.
Il-kunsillier A.Debono qal illi waqt il-ħin tas-shut down apprezza li x-xogħol baqa għaddej u rringrazzja lill-istaff.

19.6.8 Is-Sindku qal illi l-bins ta' OPAL qegħdin fi stat ħazin ħafna u għandom jitneħħew. Is-sid tagħhom għandu jintbagħat ittra biex jieħu ħsieb.

**19.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORTI TAL-LAQGĦAT TA' KUMITAT U/JEW SOTTO KUMITATI**

19.7.1 Ma kien hemm l-ebda rapport.

**19.8 RESOLUZZJONI**

19.8.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq id-Direttiva 4/2020 mill-Gvern Lokali dwar li l-Kunsill jista jagħmel uzu għall-internet banking għall-pagamenti wkoll. Jigifieri jingħata full rights u mhux view only kif kien s'issa. Ġie nnotat ukoll li jridu jinbiddlu d-dettalji tal-firmatarji għaliex l-keys għadom jidhru f'isem S.E u Sindku preċedenti. L-uzu tal-internet banking għandu jkun f'isem il-firmatarji prezenti, li huma s-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv prezenti. Ġie deċiz ukoll li d-Deputat S.E għanda tingħata full rights biex tamministra l-pagamenti wkoll.

Is-Segretarju Ezekuttiv hu s-system administrator.

Is-S.E ressaq ukoll direttiva 5/2020 mill-Gvern Lokali fejn il-Kunsill għandu jiftaħ numru ta' kont ġdid LC Other Entities Account biex il-pagamenti jitpoġġew f'dan il-kont, il-Kunsill jagħmel transfer lill-entita konċernata.

Kien hemm qbil unanimu dwar dan kollu.

**19.9 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI**

19.9.1 Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-iskeda għanda tiġi ppreparata izjed tard minħabba ċ-ċirkostanzi kurrenti u se tkun eħfef għall-fatt li daqt jispiċċaw kwarantina l-istaff. B'hekk talab li ssir laqgħa biex tiġi approvata l-iskeda ħalli l-prepazzjonijiet għaliha ssir kif suppost. Kien hemm qbil illi din il-laqgħa ssir fl-10 ta' Settembru.

## 19.10 MOZZJONIJIET

19.10.1 Ma kien hemm l-ebda mozzjoni

## 19.11 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

19.11.1 Is-seduta ntemmet fid-21.35. Seduta oħra ġiet imsejħa għal nhar il-Ħamis 10 ta' Settembru 2020 fejn se tiġi diskussa biss l-iskeda tal-pagamenti, kif ukoll illi l-laqgħa li jmiss isir fis-7 ta' Ottubru.

Minuti approvati llum nhar l-Erbgħa 7 ta' Ottubru 2020

| | |
|---|---|
| (IFFIRMATA) | (IFFIRMATA) |
| **Anthony Chircop** | **Anthony Attard** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |